MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 473/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet zzewgu fl-erbatax ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) (kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkata bhala Dokument "EM1") u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal jisimhom K u LD, li t-tnejn ghadhom minorenni;

Illi permezz ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha fl-atti tan-Nutar Ronald Wadge, sehhet il-firda personali bejn il-partijiet u giet tterminata u llikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet (Kopja legali annessa u mmarkata Dokument 'EM 2');

Illi skont l-imsemmi kuntratt, l-ebda manteniment ma huwa dovut mir-rikorrenti lill-intimat;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Jannar tas-sena 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------